



Brussell, 3 ta' April 2019
(OR. en)

7739/19

Fajl Interistituzzjonal:
2017/0290(COD)

CODEC 752
TRANS 218
PE 112

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn: Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri
- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew,
(Strasburgu, mill-25 sat-28 ta' Marzu 2019)

I. INTRODUZZJONI*

Ir-rapporteur, Daniela AIUTO (EFDD, IT), ippreżentat rapport dwar il-proposta għal Direttiva fissem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu. Ir-rapport kien fih wieħed u tmenin emenda (l-emendi 1-81) għall-proposta.

Barra minn hekk, il-gruppi politiċi ressqu l-emendi li ġejjin: L-ECR ressqu ħames emendi (l-emendi 83-87), il-Ħodor/AHE ressqu ħames emendi (l-emendi 88-92) u l-GUE/NGL ressqu emenda waħda (l-emenda 82).

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix fkollox mal-verżjoni EN.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fis-27 ta' Marzu 2019, il-plenarja adottat l-emendi 1-81 għall-proposta għal Direttiva.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emadata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument¹.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "█" jindika test imħassar.

Regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri *I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Marzu 2019 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (COM(2017)0648 – C8-0391/2017 – 2017/0290(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2017)0648),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0391/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mir-Riksdag Żvediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jikkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' April 2018²,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tal-5 ta' Lulju 2018³,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0259/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħi biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² ĠU C 262, 25.7.2018, p. 52.

³ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propos mill-Kummissjoni

(1) *L-impatt negattiv tat-trasport fuq it-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti, l-istorbju u l-konġestjoni għadhom joħolqu problemi għall-ekonomija, is-sahħha u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej. Minkejja li t-trasport bit-triq hu l-akbar kontributur ta' dawk l-effetti negattivi it-trasport [intra Unjoni?] tal-merkanzija bit-triq hu stmat li se jiżdied b'60 % sal-2050.*

Emenda

(1) *L-għan ġenerali ta' din id-Direttiva huwa li jiġi stabilit netwerk tat-trasport multimodali li jkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u li jitnaqqas l-impatt negattiv tat-trasport minn fuq it-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti, l-istorbju u l-konġestjoni.*

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test propos mill-Kummissjoni

(2) *It-tnaqqis tal-impatt negattiv tal-attivitajiet tat-trasport għadu waħda mill-miri ewlenin tal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE²¹ li tistabbilixxi mīzuri li jħeġġu l-iżvilupp ta' trasport ikkombinat, hi l-uniku att leġiżlattiv tal-Unjoni li jinċentiva direttament it-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi tat-trasport b'inqas emissjonijiet bħall-passaġġi fuq l-ilma interni, u t-trasport marittimu u ferrovjarju.*

Emenda

(2) *It-tnaqqis tal-impatt negattiv tal-attivitajiet tat-trasport għadu waħda mill-miri ewlenin tal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE²¹ li tistabbilixxi mīzuri li jħeġġu l-iżvilupp ta' trasport ikkombinat, hi l-uniku att leġiżlattiv tal-Unjoni li jinċentivizza direttament it-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi tat-trasport b'inqas emissjonijiet bħall-passaġġi fuq l-ilma interni, u t-trasport marittimu u ferrovjarju.*

Sabiex ikomplu jonqsu aktar l-effetti negattivi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq jenħtieġ li jiġu inkoraġġiti r-riċerka u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri f'dak li jikkonċerna soluzzjonijiet li jwasslu biex jittejbu r-rotot, jiġi ottimizzat in-netwerk, tiżdied l-effiċjenza

*tat-tagħbijiet u l-possibbiltajiet li jkunu
imposti tariffi għall-kosti esterni.*

²¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

²¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Il-mira li 30 % tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ta' aktar minn 300 km **jaqleb** għal modi oħra tat-trasport bħat-trasport ferrovjarju jew fuq l-ilma sal-2030, u li jkun hemm aktar minn 50 % sal-2050, **biex tiġi ottimizzata l-prestazzjoni tal-ktajjen logistiċċi multimodali, inkluż b'użu akbar ta' modi aktar effiċċenti fl-enerġija, imxiet aktar bil-mod milli mistenni u skont it-tbassir attwali, mhix se tintlaħhaq.**

Emenda

(3) Il-mira li 30 % tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ta' aktar minn 300 km **jkun qaleb** għal modi oħra tat-trasport bħat-trasport ferrovjarju jew fuq l-ilma sal-2030, u li jkun hemm aktar minn 50 % sal-2050, **jenħtieġ li tintlaħhaq permezz ta' gwadanji fl-effiċċenza u titjibet fl-infrastruttura fis-settur ferrovjarju u f'dak tat-trasport fuq l-ilma.**

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Id-Direttiva 92/106/KEE kkontribwiet għall-iżvilupp tal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport ikkombinat u għenet biex ammont konsiderevoli ta' trasport tal-merkanzija ma jibqax isir bit-triq. In-nuqqasijiet fl-implementazzjoni ta' dik id-Direttiva, fosthom il-lingwaġġ ambigwu u d-dispożizzjonijiet skaduti, **u** l-ambitu limitat tal-miżuri ta' appoġġ tagħha, dgħajfu ferm l-impatt tagħha.

Emenda

(4) Id-Direttiva 92/106/KEE kkontribwiet għall-iżvilupp tal-politika tal-Unjoni dwar it-trasport ikkombinat u għenet biex ammont konsiderevoli ta' trasport tal-merkanzija ma jibqax isir bit-triq. In-nuqqasijiet fl-implementazzjoni ta' dik id-Direttiva, fosthom il-lingwaġġ ambigwu u d-dispożizzjonijiet skaduti, **l-ambitu limitat tal-miżuri ta' appoġġ tagħha, kif ukoll l-ostakli burokratiku u protezzjonisti fi ħdan is-settur ferrovjarju,**

dgħajfu ferm l-impatt tagħha.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Din id-Direttiva jenħtieġ li twitti t-triq għal servizzi tat-trasport tal-merkanzija intermodali u multimodali effiċjenti, filwaqt li toffri kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-modi differenti tat-trasport.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 5

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Id-Direttiva 92/106/KEE jenħtieġ tiġi ssimplifikata u ***titjieb*** l-implementazzjoni tagħha b'reviżjoni tal-inċentivi ekonomiċi għat-trasport ikkombinat, bil-għan li ***titheggex il-bidla minn transport tal-merkanzija bit-triq għal modi li huma aktar favur l-ambjent, aktar sikuri, aktar effiċjenti fl-enerġija u li joħolqu inqas konġestjoni.***

(5) Id-Direttiva 92/106/KEE jenħtieġ tiġi ssimplifikata u ***tittejjeb*** l-implementazzjoni tagħha b'reviżjoni tal-inċentivi ekonomiċi għat-trasport ikkombinat, bil-għan li ***tittejjeb il-kompetittività tat-trasport ferrovjarju u dak fuq l-ilma meta mqabbel mat-trasport bit-triq.***

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propos mill-Kummissjoni

(6) Il-volum tal-operazzjonijiet intermodali nazzjonali ***jfisser*** 19,3 % tat-trasport intermodali totali fl-Unjoni. Dawn l-operazzjonijiet bħalissa ma jibbenefikawx mill-miżuri ta' appoġġ previsti fid-Direttiva 92/106/KEE minħabba l-ambitu limitat tad-definizzjoni ta' trasport ikkombinat. Iżda l-effett negattiv tal-operazzjonijiet nazzjonali tat-trasport bit-triq, u b'mod partikolari l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-konġestjoni, iħallu impatt lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Għalhekk hemm bżonn ***jitwessa'*** l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/106/KEE għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinati nazzjonali (bejn l-Istati Membri) ħalli jiġi appoġġat l-iżvilupp addizzjonal tat-trasport ikkombinat fl-Unjoni, u b'hekk tiżdied il-bidla modali minn trasport bit-triq għal trasport ferrovjarju, mill-passaġġi fuq l-ilma interni u trasport bil-baħar f'distanzi qosra.

Emenda

(6) Il-volum tal-operazzjonijiet intermodali nazzjonali ***jifforma*** 19,3 % tat-trasport intermodali totali fl-Unjoni. Dawn l-operazzjonijiet bħalissa ma jibbenefikawx mill-miżuri ta' appoġġ previsti fid-Direttiva 92/106/KEE minħabba l-ambitu limitat tad-definizzjoni ta' trasport ikkombinat. Iżda l-effett negattiv tal-operazzjonijiet nazzjonali tat-trasport bit-triq, u b'mod partikolari l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-konġestjoni, iħallu impatt lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Għalhekk hemm bżonn ***li*** l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/106/KEE ***jitwessa'*** għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinati nazzjonali (bejn l-Istati Membri) ħalli jiġi appoġġat l-iżvilupp addizzjonal tat-trasport ikkombinat fl-Unjoni, u b'hekk tiżdied il-bidla modali minn trasport bit-triq għal trasport ferrovjarju, mill-passaġġi fuq l-ilma interni u trasport bil-baħar f'distanzi qosra. ***Id-deroga mir-regoli ta' kabotagġġ, madankollu, għadha tapplika biss għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat internazzjonali li jitwettqu bejn diversi Stati Membri. L-Istati Membri sejkun rikkesti jwettqu kontrolli effettivi biex jiżguraw il-ħarsien ta' dawk ir-regoli u jippromwovu l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet soċċali u tax-xogħol fost id-diversi modi tat-trasport u fost l-Istati Membri differenti.***

Emenda 8

Proposta għal direttiva Premessa 7a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-partijiet bit-triq

tal-vjaġġ ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat jenħtieġ li jkunu koperti bir-Regolament (KE) Nru 1071/2009^{1a} tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009^{1b} tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jekk huma parti minn operazzjoni tat-trasport internazzjonali jew parti minn operazzjoni tat-trasport domestika rispettivament. Huwa meħtieġ ukoll li tiġi żgurata l-protezzjoni soċjali tas-sewwieqa li jkunu qed iwettqu attivitajiet fi Stat Membru ieħor. Id-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonament tas-sewwieqa, previsti fid-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1c}, u dwar l-infurzar ta' dawk id-dispożizzjonijiet skont id-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1d}, jenħtieġ li jkunu japplikaw għall-operaturi tat-trasport li joperaw fil-partijiet bit-triq tal-vjaġġ tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat. Il-partijiet bit-triq tal-vjaġġ jenħtieġ li jitqiesu li huma parti integrali minn operazzjoni tat-trasport ikkombinat unika. B'mod partikolari, ir-regoli dwar l-operazzjonijiet tat-trasport internazzjonali previsti minn dawk id-Direttivi jenħtieġ li japplikaw għall-partijiet bit-triq tal-vjaġġ li jagħmlu parti minn operazzjoni tat-trasport ikkombinat internazzjonali. Barra minn hekk, fil-każ ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ, ir-regoli dwar it-trasport ta' kabotaġġ stabbiliti fir-Regolament 1072/2009 jenħtieġ li japplikaw għall-partijiet bit-triq tal-vjaġġ li jagħmlu parti minn operazzjoni domestika tat-trasport ikkombinat.

^{1a} *Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE, (ĠU L 300, 14.11.2009 p. 51).*

^{1b} *Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-*

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija, (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).

^{1c} Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi, (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1).

^{1d} Id-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrativa permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI"), (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11).

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Hemm il-ħtieġa li jiġi ċċarat li huwa permessi li t-trejlers u s-semitrejlers li jistgħu jintrefgħu minn krejn ikollhom piż gross ta' 44 tunnellata jekk l-unitajiet tat-tagħbiha huma identifikati skont l-istandardi ISO6346 u EN13044.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 11

Test propos mill-Kummissjoni

(11) L-użu antikwat tat-timbri bħala prova li saret operazzjoni tat-trasport ikkombinat ixekkel l-infurzar effettiv jew il-verifika tal-eliġibbiltà għall-miżuri previsti fid-Direttiva 92/106/KEE. Jenħtieġ li l-evidenza meħtieġa bħala prova li qed issir operazzjoni tat-trasport ikkombinat tīgi ċċarata flimkien mal-mezzi li bihom trid tingħata din il-prova. Jenħtieġ li jitħeġġu l-użu u t-trażmissjoni tal-informazzjoni elettronika dwar it-trasport, li għandha tissimplifika l-għoti tal-evidenza rilevanti u t-trattament tagħha mill-awtoritajiet rilevanti. Il-format użat jenħtieġ ikun affidabbli u awtentiku. Il-qafas regolatorju u l-inizjattivi li jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi u d-diġitalizzazzjoni tal-aspetti tat-trasport, jenħtieġ iqis u l-iżviluppi fil-livell tal-Unjoni.

Emenda

(11) L-użu antikwat tat-timbri bħala prova li saret operazzjoni tat-trasport ikkombinat ixekkel l-infurzar effettiv jew il-verifika tal-eliġibbiltà għall-miżuri previsti fid-Direttiva 92/106/KEE. Jenħtieġ li l-evidenza meħtieġa bħala prova li qed issir operazzjoni tat-trasport ikkombinat tīgi ċċarata flimkien mal-mezzi li bihom trid tingħata din il-prova. Jenħtieġ li jitħeġġu l-użu u t-trażmissjoni tal-informazzjoni elettronika dwar it-trasport, li għandha tissimplifika l-għoti tal-evidenza rilevanti u t-trattament tagħha mill-awtoritajiet rilevanti *bl-għan li, fil-ġejjieni, jiġi eliminat b'mod gradwali l-użu tad-dokumenti stampati*. Il-format użat jenħtieġ ikun affidabbli u awtentiku. Il-qafas regolatorju u l-inizjattivi li jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi u d-diġitalizzazzjoni tal-aspetti tat-trasport, jenħtieġ iqis u l-iżviluppi fil-livell tal-Unjoni.

Emenda 11

Proposta għal direktiva Premessa 11a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Bil-ħsieb li t-trasport ikkombinat isir kompetittiv u attraenti għall-operaturi, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar ħafna (VSEs) u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), jenħtieġ li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv li jista' jgħib miegħu t-twettiq ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat apparagun ta' operazzjoni tat-trasport unimodali.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Premessa 12

Test propos mill-Kummissjoni

(12) L-ambitu tal-miżuri attwali ta' appoġġ ekonomiku, kif definit fid-Direttiva 92/106/KEE, hu limitat ħafna u jikkonsisti f'miżuri fiskali (jiġifieri r-rifużjoni jew it-tnaqqis tat-taxxi) relatati biss ma' operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat ferrovjarju/bit-triq. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jiġu estiżi għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat li jkopru t-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu. Jenħtieġ li jkunu appoġġati wkoll tipi oħra ta' miżuri rilevanti, bħalma huma l-miżuri ta' appoġġ għall-investiment **infrastrutturali** jew miżuri differenti ta' appoġġ ekonomiku.

Emenda

(12) L-ambitu tal-miżuri attwali ta' appoġġ ekonomiku, kif definit fid-Direttiva 92/106/KEE, hu limitat ħafna u jikkonsisti f'miżuri fiskali (jiġifieri r-rifużjoni jew it-tnaqqis tat-taxxi) relatati biss ma' operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat ferrovjarju/bit-triq. Jenħtieġ li dawn il-miżuri jiġu estiżi għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat li jkopru t-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport marittimu. Jenħtieġ li jkunu appoġġati wkoll tipi oħra ta' miżuri rilevanti, bħalma huma l-miżuri ta' appoġġ għall-investiment **fl-infrastruttura u fit-teknoloġiji diġitali** jew miżuri differenti ta' appoġġ ekonomiku. *Fir-rigward tat-teknoloġiji diġitali, għandu jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni għad-dematerjalizzazzjoni tad-dokumenti li jiċċertifikaw li t-trasport ikkombinat ikun seħħ. Matul dak il-perjodu, l-strumenti tal-awtoritajiet ta' spezzjoni jenħtieġ li jkunu teknoloġikament aġġornati. L-Istati Membri għandhom jagħtu priorità lill-investiment fit-terminali tat-trażbord sabiex titnaqqas il-konġestjoni fit-toroq, jittaffa l-iżolament taż-żoni industrijali li huma nieqsa minn tali infrastruttura u jittejbu l-aċċessibbiltà u konnettivitāt fiziċċa u diġitali tal-faċilitajiet li jittrattaw il-merkanzija.*

Emenda 13

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propos mill-Kummissjoni

(13) L-ostaklu infrastrutturali ewljeni li qed ixekkel it-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi oħra tat-

Emenda

(13) L-ostaklu infrastrutturali ewljeni li qed ixekkel it-tranżizzjoni minn trasport tal-merkanzija bit-triq għal modi oħra tat-

trasport jinsab fil-livell ta' terminals tat-trażbord. Id-distribuzzjoni attwali u l-kopertura tat-terminals tat-trażbord fl-Unjoni, tal-anqas tul in-netwerk Komprensiv u Ewleni tat-TEN-T eżistenti, mhumiex biżżejjed, iżda l-kapaċitā tat-terminals tat-trażbord eżistenti qed toqrob lejn il-limitu tagħha u jeħtieġ tiġi żviluppata biex tkun tista' tlaħħaq maż-żieda ġenerali fit-traffiku tal-merkanzija. B'investiment fil-kapaċitā tat-terminals tat-trażbord jistgħu jonqsu l-kostijiet ġenerali tat-trażbord, u b'hekk tiġi ġġenerata bidla modali dderivata, bħalma ġara fxi Stati Membri. Għaldaqstant jenħtieġ li l-Istati Membri b'koordinazzjoni mal-Istati Membri ġirien u mal-Kummissjoni, jiżguraw li l-operaturi tat-transport ikollhom **disponibbli** jew jinbnewlhom aktar terminals tat-trażbord għat-transport ikkombinat u aktar kapaċitā tat-trażbord. Dan jinċentiva l-użu ta' trasport tal-merkanzija alternattiv u jżid il-bidla modali, u b'hekk l-operazzjonijiet tat-transport ikkombinat jagħmilhom aktar kompetittivi mit-transport bit-triq waħdu. Tal-anqas jenħtieġ li ż-żieda fil-kopertura u fil-kapaċitā tat-terminals tat-trażbord tiġi stabbilita tul-in-netwerks Komprensivi u Ewlenin tat-TEN-T eżistenti. Bħala medja, jenħtieġ li tal-inqas wieħed mit-terminals xierqa tat-trażbord għat-transport ikkombinat ikun jinsab sa 150 km 'il-bogħod minn post tat-trażbord fl-Unjoni.

trasport jinsab fil-livell ta' terminals tat-trażbord, ***u qed jiġi aggravat min-nuqqas ta' implementazzjoni koerenti tan-netwerk tat-TEN-T***. Id-distribuzzjoni attwali u l-kopertura tat-terminals tat-trażbord fl-Unjoni, tal-anqas tul in-netwerk Komprensiv u Ewleni tat-TEN-T eżistenti, mhumiex biżżejjed, iżda l-kapaċitā tat-terminals tat-trażbord eżistenti qed toqrob lejn il-limitu tagħha u jeħtieġ tiġi żviluppata biex tkun tista' tlaħħaq maż-żieda ġenerali fit-traffiku tal-merkanzija. B'investiment fil-kapaċitā tat-terminals tat-trażbord jistgħu jonqsu l-kostijiet ġenerali tat-trażbord, u b'hekk tiġi ġġenerata bidla modali dderivata, bħalma ġara fxi Stati Membri. Għaldaqstant jenħtieġ li l-Istati Membri, b'koordinazzjoni mal-Istati Membri ġirien u mal-Kummissjoni, jiżguraw li, ***fejn meħtieġ, it-terminals tat-trażbord eżistenti jiġu estiżi u li*** l-operaturi tat-transport ikollhom ***għad-dispożizzjoni tagħhom*** jew jinbnewlhom aktar terminals tat-trażbord għat-transport ikkombinat u aktar kapaċitā tat-trażbord ***jew li l-punti tat-trażbord ikunu installati fizi-żoni fejn dawn huma meħtieġa***. Dan jinċentiva l-użu ta' trasport tal-merkanzija alternattiv u jżid il-bidla modali, u b'hekk l-operazzjonijiet tat-transport ikkombinat jagħmilhom aktar kompetittivi mit-transport bit-triq waħdu. Tal-anqas jenħtieġ li ż-żieda fil-kopertura u fil-kapaċitā tat-terminals tat-trażbord tiġi stabbilita tul-in-netwerks Komprensivi u Ewlenin tat-TEN-T eżistenti. Bħala medja, jenħtieġ li tal-inqas wieħed mit-terminals xierqa tat-trażbord għat-transport ikkombinat ikun jinsab sa 150 km 'il-bogħod minn post tat-trażbord fl-Unjoni. ***It-transport ikkombinat jenħtieġ li jibbenfika mid-dħul iġġenerat mill-imposta ta' tariffi għall-kostijiet esterni prevista fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}.***

^{1a} ***Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir***

minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, (ĠU L 187, 20.07.1999, p. 42).

Emenda 14

Proposta għal direttiva Premessa 13a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu priorità lill-investiment fit-terminali tat-trażbord biex inaqqsu r-restrinġiment tat-traffiku u ż-żoni ta' konġestjoni, b'mod partikolari viċin iż-żoni urbani u suburbani, sabiex jiffaċilitaw il-qsim ta' ostakli naturali bħalma huma ż-żoni muntanjużi, biex itejbu l-konnessjonijiet transfruntiera, biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi dannużi fl-arja u biex itejbu l-aċċess lejn u miż-żoni industrijali li huma neqsin minn tali infrastruttura.

Emenda 15

Proposta għal direttiva Premessa 14

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(14) L-Istati Membri jenħtieġ jimplimentaw miżuri ta' appoġġ ekonomiku addizzjonalı apparti dawk diġà eżistenti, biex jolqtu l-partijiet varji tal-vjaġġ ta' operazzjoni tat-transport ikkombinat, biex jonqos it-trasport tal-merkanzija bit-triq u biex jitħeġġeġ l-użu ta' modi oħra tat-transport bħat-transport ferrovjarju, it-transport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-transport marittimu, u b'hekk jonqsu t-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti tat-traffiku fit-

(14) L-Istati Membri jenħtieġ jimplimentaw miżuri ta' appoġġ ekonomiku addizzjonalı apparti dawk diġà eżistenti, biex jolqtu l-partijiet varji tal-vjaġġ ta' operazzjoni tat-transport ikkombinat, biex jonqos it-trasport tal-merkanzija bit-triq u biex jitħeġġeġ l-użu ta' modi oħra tat-transport bħat-transport ferrovjarju, it-transport fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-transport marittimu, u b'hekk jonqsu t-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti tat-traffiku fit-

toroq, l-istorbju u l-konġestjoni. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu t-tnaqqis ta' ċerti taxxi jew tariffi tat-trasport, għotjet għal trasport intermodali b'unitajiet tat-tagħbija effettivi f'operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, jew ir-rifużjoni parzjali tal-kostijiet tat-trażbord.

toroq, l-istorbju u l-konġestjoni, ***kif ukoll biex tiġi inkoragġġita l-azzjoni biex tingħata spinta lid-diġitalizzazzjoni tas-settur u lis-suq intern u biex dawn jiġu implementati***. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu t-tnaqqis ta' ċerti taxxi jew tariffi tat-trasport, għotjet għal trasport intermodali b'unitajiet tat-tagħbija effettivi f'operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, jew ir-rifużjoni parzjali tal-kostijiet tat-trażbord, ***fost miżuri oħra. Tali miżuri jistgħu jinkludu t-trawwim tal-integrazzjoni ta' sistemi konnessi u l-awtomatizzazzjoni tal-operazzjonijiet kif ukoll investiment fil-loġistika diġitali, teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni innovattivi għas-sistemi tat-trattament tal-merkanzija u sistemi tat-trasport intelliġenti ħalli jiġu ffaċilitati l-flussi tal-informazzjoni. Tali miżuri jistgħu jinkludu wkoll l-għoti ta' spinta lill-prestazzjoni ambjentali, l-effiċċenza u s-sostenibbiltà tat-trasport ikkombinat billi jiġi inkoragġġit l-użu ta' vetturi nodfa jew b'livell baxx ta' emissjonijiet u l-użu ta' fjuwils alternativi, l-appogġġ lill-isforzi favi l-effiċċenza tal-enerġija u l-użu tal-enerġija rinnovabbli tul il-katina kollha tat-trasport ikkombinat u t-tnaqqis tad-diversi tipi ta' inkonvenjenza li għandha x'taqsam mat-trasport, inklużi l-ħsejjes.***

Emenda 16

Proposta għal direttiva Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) Jenħtieġ li l-fondi u l-programmi varji tal-Unjoni għall-finanzjament għar-riċerka jkomplu jappoġġaw lill-Istati Membri fl-ilħuq tal-għanijiet ta' din id-Direttiva.

Emenda 17

Proposta għal direttiva Premessa 14b (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(14b) L-investiment fil-loġistika jikkostitwixxi imbottatura oħra importanti biex it-trasport ikkombinat isir aktar kompetittiv. Li wieħed jirrikorri għall-użu iktar sistematiku ta' soluzzjonijiet diġitali, bħalma huma t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u ssistemi intelliġenti konnessi, se jiffaċilita l-iskambju tad-data, se jgħin biex tiżdied l-effiċjenza u jitnaqqsu l-kosti tal-operazzjonijiet tat-trażbord u se jnaqqas il-ħin li tali operazzjonijiet jieħdu.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Premessa 14c (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(14c) L-investiment fit-taħriġ tal-ħaddiema fil-katina tal-loġistika, b'mod partikolari dik fit-terminals tat-trażbord, ikun jgħin ukoll biex tiżdied il-kompetittività tat-trasport ikkombinat.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Jenħtieġ li jiġu implementati miżuri ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, b'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li hemm minquxa fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

(15) Jenħtieġ li jiġu implementati miżuri ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, b'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li hemm minquxa fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE). **L-għajnuna mill-Istat**

tiffaċilita l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi meta ma taffettwax il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sal-punt li tmur kontra l-interess komuni fis-sens tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, u hija għodda utli biex tiġi promossa l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew fis-sens tal-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE. Għalhekk, f'tali każijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra għandhiex teżenta b'mod parżjali lill-Istati Membri mir-rekwiżit li jinfurmaw lill-Kummissjoni previst fl-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) *Jenħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu kkoordinati, kif meħtieġ, bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.*

Emenda

(16) *Sabiex jiġi żgurat li jiġu evitati investimenti duplikati possibbli bejn l-Istati Membri li jinsabu qrib ta' xulxin, jenħtieġ li jiġu kkoordinati miżuri ta' appoġġ, kif meħtieġ, bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritatiet kompetenti tal-Istati Membri.*

Emenda 21

Proposta għal direttiva Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Jenħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu rieżaminati b'mod regolari mill-Istati Membri ġalli jiżguraw l-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom.

Emenda

(17) Jenħtieġ *ukoll* li l-miżuri ta' appoġġ jiġu rieżaminati *wkoll* b'mod regolari mill-Istati Membri ġalli *dawn* jiżguraw l-effikaċja u l-effiċjenza tagħhom, *u jenħtieġ li jiġi vvalutat l-impatt ġenerali tagħhom fuq is-settur tat-trasport Ewropew, kif rifless fl-Istrateġija Ewropea għall-Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri korrettivi skont il-*

ħtieġa. Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq, abbażi tal-informazzjoni fornuta mill-Istati Membri, valutazzjoni tad-diversi miżuri li l-Istati Membri jieħdu kif ukoll tal-effikaċja ta' dawk il-miżuri, u jenħtieġ li tippromwovi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattika.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Bħalissa n-nuqqas ta' statistika komparabbi u affidabbli qed ikun ta' ostaklu għall-evalwazzjoni tat-trasport ikkombinat fl-Unjoni u għall-adozzjoni ta' miżuri biex jiġi sfruttat il-potenzjal tiegħu.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Sabiex ilaħħqu mal-evoluzzjoni tat-trasport fl-Unjoni, u b'mod partikolari ssuq tat-trasport ikkombinat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru d-dejta u l-informazzjoni rilevanti u jgħadduhom lill-Kummissjoni b'mod regolari, filwaqt li l-Kummissjoni jenħtieġ tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u ***lill-Kunsill*** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva kull erba' snin.

Emenda

(19) Sabiex ilaħħqu mal-evoluzzjoni tat-trasport fl-Unjoni, u b'mod partikolari ssuq tat-trasport ikkombinat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru d-dejta u l-informazzjoni rilevanti u jgħadduhom lill-Kummissjoni b'mod regolari, filwaqt li l-Kummissjoni jenħtieġ *li* tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, ***lill-Kunsill u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri*** dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva kull erba' snin.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Premessa 19a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun responsabbi mill-applikazzjoni korretta ta' din id-Direttiva u għall-ilħuq tal-objettiv tal-iż-żvilupp tat-trasport ikkombinat madwar l-UE kollha sal-2030 u l-2050. Għal dan il-għan, jenħtieġ li tivaluta regolarment il-progress fiż-żieda tal-proporzjon tat-trasport ikkombinat f'kull Stat Membru, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u, jekk meħtieġ, tressaq proposta biex temenda din id-Direttiva bil-għan li dak l-objettiv jintlaħaq għall-Unjoni kollha.

Emenda 25

Proposta għal direttiva Premessa 22

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

*(22) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva li jkomplu jħeġġu t-tranżizzjoni minn trasport bit-triq għal modi tat-trasport aktar favur l-ambjent, u b'hekk jonqsu l-esternalitajiet negattivi tas-sistema tat-trasport tal-Unjoni, ma jistgħux jintlaħqu bizzżejjed mill-Istati Membri, iżda li minflok, minħabba n-natura primarjament transfruntiera tat-trasport ikkombinat tal-merkanzija u l-infrastruttura interkonnessa, u minħabba l-problemi li din id-Direttiva tfasslet biex tindirizza, jistgħu **jinkisbu** aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit*

*(22) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li t-trasport ikkombinat isir kompetittiv meta mqabel mat-trasport bit-triq, ma jistgħux jintlaħqu bizzżejjed mill-Istati Membri, iżda li minnflok, minħabba n-natura primarjament transfruntiera tat-trasport ikkombinat tal-merkanzija u l-infrastruttura interkonnessa, u minħabba l-problemi li din id-Direttiva tfasslet biex tindirizza, jistgħu **jintlaħqu** aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-*

fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-ġħanijiet.

ġħanijiet.

Emenda 26

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propos mill-Kummissjoni

(a) bi trejler jew semitrejler, b'unità ta' trattur jew le, kaxxa skambjabbbli jew kontejner, identifikati skont is-sistema tal-identifikazzjoni stabbilita skont l-istandards internazzjonali ISO6346 u EN13044, meta l-unità tat-tagħbiha tīgi trażbordata bejn il-modi differenti tat-trasport; or

Emenda

(a) bi trejler jew semitrejler, b'unità ta' trattur jew le, kaxxa skambjabbbli jew kontejner, identifikati skont is-sistema tal-identifikazzjoni stabbilita skont l-istandards internazzjonali ISO6346 u EN13044, *inklużi s-semitrejlers b'piż gross massimu permess ta' 44 tunnellata li jistgħu jintrefgħu minn krejn*, meta l-unità tat-tagħbiha *intermodali li ma tkunx akkumpanjata* tīgi trażbordata bejn il-modi differenti tat-trasport (*operazzjoni tat-trasport ikkombinat mhux akkumpanjat*); or

Emenda 27

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propos mill-Kummissjoni

(b) b'vettura tat-triq li tinġarr bi trasport

Emenda

(b) b'vettura tat-triq li ***hija***

ferrovjarju, trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni jew trasport marittimu għall-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq.

akkumpanjata mis-sewwieq tagħha u li tinġarr bi trasport ferrovjarju, trasport fil-passaġġi fuq l-ilma interni jew trasport marittimu għall-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq (*operazzjoni tat-trasport akkumpanjat*).

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagraphu 1a (għid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'deroga, il-punt (a) ta' dan il-paragrafu għandu sa /ĠU jekk jogħġebok daħħal id-data ta' 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] ikopri wkoll lil dawk it-trejlers u semitħejjels li ma jistgħux jintrefgħu minn krejn fit-trasport ikkombinat mhux akkumpanjat li mħumiex identifikati skont is-sistema ta' identifikazzjoni stabbilita skont l-istandardi internazzjonali ISO6346 u EN13044.

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagraphu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-partijiet tal-vjaġġ li mħumiex bit-triq u li jużaw it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma

Il-partijiet tal-vjaġġ li mħumiex bit-triq u li jużaw it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma

interni jew it-trasport marittimu li għalihom ma teżisti l-ebda alternattiva ekwivalenti ***ta' trasport bit-triq*** jew ***li huma inevitabbli f'operazzjoni tat-trasport kummerċjalment vijabbbli***, ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat.

interni jew it-trasport marittimu li għalihom ma teżisti l-ebda alternattiva ekwivalenti jew ***kummerċjalment vijabbbli ta' trasport bit-triq*** ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat.

Emenda 30

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 1 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Kull parti ta' vjaġġ li tissemma fil-paragrafu 2 ma għandhiex taqbeż ***l-itwal distanza minn fost dawn id-distanzi li ġejjin*** fit-territorju tal-Unjoni:

- (a) ***distanza ta' 150 km f'linja dritta;***
- (b) ***20 % tad-distanza f'linja dritta bejn il-punt tat-tagħbija għall-parti inizjali tal-vjaġġ u l-punt tal-ħatt għall-parti finali tal-vjaġġ, meta din tkun itwal mid-distanza msemmija fil-punt (a).***

Emenda

Kull parti ta' vjaġġ li tissemma fil-paragrafu 2 ma għandhiex taqbeż ***id-distanza ta' 150 km*** fit-territorju tal-Unjoni:

Emenda 31

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 1 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-limitu ***fid-distanza*** tal-parti bit-triq tal-

Emenda

Il-limitu ta' distanza tal-parti bit-triq tal-

vjaġġ **jista'** jinqabeż waqt l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat bit-triq/ferrovjarju, **diment li dan ikun awtorizzat** mill-Istati Membri li fit-territorju tagħhom issir il-parti bit-triq tal-vjaġġ, biex jintlaħaq **l-eqreb terminal** tat-trażbord ġeografikament li għandu l-kapaċità tat-trażbord operazzjonal meħtieġa għat-tagħbija jew għall-ħatt mil-lat ta' tagħmir tat-trażbord, kapaċità tat-trażbord **u** servizzi ferrovjarji xierqa tal-merkanzija.

vjaġġ speċifikat f'dan il-paragrafu għandu jitħalla jinqabeż waqt l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat bit-triq/ferrovjarju mill-Istati Membri li fit-territorju tagħhom issir il-parti bit-triq tal-vjaġġ, jekk dan ikun neċessarju biex jintlaħaq it-terminal tat-trasport jew il-punt tat-trażbord ġeografikament l-aktar qrib li għandu l-kapaċità tat-trażbord operazzjonal meħtieġa għat-tagħbija jew għall-ħatt mil-lat ta' tagħmir tat-trażbord, kapaċità tat-trażbord, ħinijiet tal-ftuħ tat-terminalu servizzi ferrovjarji xierqa tal-merkanzija, f'każ li ma jkunx hemm terminal jew punt tat-trażbord li jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet kollha fi ħdan il-limitu ta' distanza. Tali qbiż tad-distanza għandu jkun iġġustifikat kif dovut skont l-Artikolu 3, paragrafu 2, punt ea. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu t-tul tad-distanza tal-parti bit-triq tal-vjaġġ ta' 150 km b'sa 50 % fil-każ ta' operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat bit-triq/ferrovjarji f'parti mit-territorju tagħhom iddefinita b'mod preċiż għal raġunijiet ambjentali kemm-il darba jkun jinsab terminal adattat f'dak il-limitu ta' distanza.

Emenda 32

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Operazzjoni tat-trasport ikkombinat għandha titqies li tkun seħħet fl-Unjoni meta l-operazzjoni jew parti minnha li sseħħ fl-Unjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3."

Emenda

4. Operazzjoni tat-trasport ikkombinat għandha titqies li tkun seħħet fl-Unjoni meta l-operazzjoni jew parti minnha li sseħħ fl-Unjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3." **Għall-fini ta' din id-Direttiva, il-parti bit-triq tal-vjaġġ u/jew il-parti tal-vjaġġ li mhijiex bit-triq**

jew il-parti minnu li sseħħ barra mit-territorju tal-Unjoni m'għandhiex titqies bħala parti mill-operazzjoni tat-trasport ikkombinat.

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasport bit-triq jitqies bħala parti minn operazzjoni tat-trasport ikkombinat koperta minn din id-Direttiva biss jekk it-trasportatur jista' jipproduċi evidenza ċara li dan it-trasport bit-triq ***jinkludi*** parti bit-triq tal-vjaġġ ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat, ***inkluż it-trasport tal-unitajiet tat-tagħbija vojta qabel u wara il-ġarr tal-merkanzija.***

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasport bit-triq jitqies bħala parti minn operazzjoni tat-trasport ikkombinat koperta minn din id-Direttiva biss jekk it-trasportatur jista' jipproduċi ***informazzjoni li tagħti*** evidenza ċara li dan it-trasport bit-triq ***jikkostitwixxi*** parti bit-triq tal-vjaġġ ta' operazzjoni tat-trasport ikkombinat ***u jekk dik l-informazzjoni tiġix trażmess kif xieraq lill-operatur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq li jkun qed iwettaq l-operazzjoni tat-trasport qabel ma tibda l-operazzjoni.***

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttiorja

Test propos mill-Kummissjoni

2. **L-evidenza** msemmija fil-paragrafu 1 għandha tħinkludi **tal-inqas** dawn id-dettalji li ġejjin għal kull operazzjoni tat-transport ikkombinat:

Emenda

2. **Sabiex titqies bħala evidenza ċara, l-informazzjoni** msemmija fil-paragrafu 1 għandha titressaq jew tiġi trażmessu fil-format imsemmi fil-paragrafu 5 u għandha tħinkludi dawn id-dettalji li ġejjin għal kull operazzjoni tat-transport ikkombinat:

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

- (aa) jekk differenti mill-konsenjatur, l-isem, l-indirizz, id-dettalji tal-kuntatt u l-firma tal-operatur responsab bli għar-rotta magħżula tal-operazzjoni tat-transport ikkombinat;

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

- (ea) jekk dik id-distanza taqbeż il-limiti

msemmija fl-Artikolu 1(3), ġustifikazzjoni skont il-kriterji previsti fl-aħħar subparagrafu ta' dak l-artikolu;

Emenda 37

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) deskrizzjoni tar-rotta li se tieħu l-operazzjoni tat-trasport ikkombinat, iffirmata **mill-konsenjatur**, li tal-inqas tkun tinkludi dawn id-dettalji li ġejjin għal kull parti tal-vjaġġ, inkluż għal kull mod tat-trasport tal-partijiet tal-vjaġġ li mhumiex bit-triq tal-operazzjoni fi ħdan l-Unjoni:

Emenda

(f) deskrizzjoni tar-rotta li se tieħu l-operazzjoni tat-trasport ikkombinat, iffirmata **mill-operatur responsabbi għall-ippjanar, fejn il-firma tista' tfisser firma elettronica**, li tal-inqas tkun tinkludi dawn id-dettalji li ġejjin għal kull parti tal-vjaġġ, inkluż għal kull mod tat-trasport tal-partijiet tal-vjaġġ li mhumiex bit-triq tal-operazzjoni fi ħdan l-Unjoni:

Emenda 38

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

- l-isem, l-indirizz, u d-dettalji tal-kuntatt tat-trasportatur;

Emenda

- (ii) l-isem, l-indirizz, u d-dettalji tal-kuntatt tat-trasportatur(*i*);

Emenda 39

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt h – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (i) *il-post tat-trażbord tal-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq;* *imħassar*

Emenda 40

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt h – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ii) id-distanza tal-parti bit-triq inizjali tal-vjaġġ *f'linja dritta* bejn il-post tat-tagħbija u l-ewwel terminal tat-trażbord;

- (ii) id-distanza tal-parti bit-triq inizjali tal-vjaġġ bejn il-post tat-tagħbija u l-ewwel *terminal tat-trasport jew punt ta'* terminal tat-trażbord;

Emenda 41

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt h – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (iii) jekk titlesta l-parti bit-triq inizjali tal-vjaġġ, *it-trasportatur* irid jiffirma biex jikkonferma li tkun saret l-

- (iii) jekk titlesta l-parti bit-triq inizjali tal-vjaġġ, *l-operatur tat-trasport* irid jiffirma biex jikkonferma li tkun saret l-

operazzjoni tat-trasport tal-parti bit-triq tal-vjaġġ;

l-operazzjoni tat-trasport tal-parti bit-triq tal-vjaġġ;

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt i – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

- (ii) id-distanza tal-parti bit-triq finali tal-vjaġġ **f'linja dritta** bejn il-post tat-trażbord u l-post fejn tintemm l-operazzjoni tat-trasport ikkombinat fl-Unjoni);

Emenda

- (ii) id-distanza tal-parti bit-triq finali tal-vjaġġ bejn il-post tat-trażbord u l-post fejn tintemm l-operazzjoni tat-trasport ikkombinat fl-Unjoni;

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt j – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

- (ii) meta disponibbli, il-firma jew is-siġill **tal-awtoritajiet ferrovjarji** jew **tal-port rilevanti** fit-terminals rilevanti (l-istazzjon tal-ferrovija jew il-port) ikkonċernati tul l-operazzjoni tal-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq, li jikkonfermaw li ttestiet il-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq.

Emenda

- (ii) meta disponibbli, il-firma jew is-siġill **tal-awtorità ferrovjarja** jew **tal-korp responsabbi** fit-terminals rilevanti (l-istazzjon tal-ferrovija jew il-port) ikkonċernati tul l-operazzjoni tal-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq, li jikkonfermaw li ttestiet il-parti tal-vjaġġ li mhix bit-triq.

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – punt 2 – punt ja (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(ja) meta l-limiti ta' distanza tal-parti bit-triq tal-vjaġġ jinqabżu skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(3), ir-raġunijiet li jiġġustifikaw dan il-qbiż tal-limiti.

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-evidenza msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata jew tintbagħħat malli tintalab mill-uffiċċjal awtorizzat ta' spezzjoni tal-Istat Membru fejn ikun qed isir il-kontroll. Fil-każ ta' kontroll mal-ġenb tat-triq, l-evidenza għandha tingħata waqt dan il-kontroll. **Din** għandha tingħata b'lingwa uffiċċiali ta' dak l-Istat Membru jew bl-Ingliż. Waqt il-kontroll mal-ġenb tat-triq, ix-xufier għandu jitħalla jikkuntattja lill-uffiċċju prinċipali, lill-meniġer tat-trasport jew lil xi persuna jew entità oħra li jistgħu jgħinuh biex jipprovd i-**l-evidenza** msemmija fil-paragrafu 2.

4. L-evidenza msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata jew tintbagħħat malli tintalab mill-uffiċċjal awtorizzat ta' spezzjoni tal-Istat Membru fejn ikun qed isir il-kontroll **u fil-format imsemmi fil-paragrafu 5**. Fil-każ ta' kontroll mal-ġenb tat-triq, l-evidenza għandha tingħata waqt dan il-kontroll, **u sa żmien massimu ta' 45 minuta.. Jekk ma jkunux jištghu jkunu disponibbli fil-ħin tal-kontroll fit-triq, il-firem imsemmija fil-punt (h)(iii) u l-punt (j) tal-paragrafu 2 għandhom jiġu ppreżentanti jew trażmessi fi żmien 5 ijiem tax-xogħol wara l-kontroll lill-awtoritā kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.** **L-evidenza** għandha tingħata b'lingwa uffiċċiali ta' dak l-Istat Membru jew bl-Ingliż. Waqt il-kontroll mal-ġenb tat-triq, ix-xufier għandu jitħalla jikkuntattja lill-uffiċċju prinċipali, lill-meniġer tat-trasport

jew lil xi persuna jew entità oħra li jistgħu jgħinuh biex jipprovd ***l-informazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 2.

Emenda 46

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-evidenza tista' tingħata permezz ta' **dokument tat-trasport li jissodisa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 11, jew permezz ta'** dokumenti tat-trasport *oħrajn* eżistenti, bħalma huma **d-dokument tat-trasport tal-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt tat-Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija bit-Triq (CMR) jew id-dokument tat-trasport tar-Regoli Uniformi dwar il-Kuntratt ta' Ġarr Internazzjonali ta' Oġġetti bil-Ferrovija (CIM).**

Emenda

L-evidenza tista' tingħata permezz ta' dokumenti tat-trasport eżistenti bħalma huma **n-noti ta' konsenja previsti taħt konvenzjonijiet internazzjonali jew nazzjonali eżistenti dwar it-trasport, sakemm tiġi stabbilita formola standardizzata mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implementazzjoni.**

Emenda 47

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Din l-evidenza tista' tingħata jew tintbagħat b'mod elettroniku, b'format strutturat li

Emenda

Din l-evidenza tista' tingħata jew tintbagħat b'mod elettroniku, b'format strutturat li

jista' jiġi rivedut u li jista' jintuża direktament biex jiġi storjat u pproċessat bil-kompjuters, inkluż b'mod li tissupplimenta n-nota ta' konsenja elettronika skont *il-Konvenzjoni* dwar *il-Kuntratt tat-Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija bit-Triq (eCMR) għall-parti bit-triq tal-vjaggħ.*

jista' jiġi rivedut u li jista' jintuża direktament biex jiġi storjat u pproċessat bil-kompjuters, inkluż b'mod li tissupplimenta n-nota ta' konsenja elettronika skont *il-konvenzjonijiet internazzjonali jew nazzjonali eżistenti* dwar *it-trasport. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom ikunu rikjesti li jaċċettaw l-informazzjoni elettronika relatata mal-evidenza. Meta l-iskambji tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-operaturi jsiru permezz ta' għodod elettroniċi, tali skambji u l-ħżin ta' tali informazzjoni għandhom isiru permezz ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-data.*

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagraphu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jersqu lejn dematerjalizzazzjoni gradwali tad-dokumentazzjoni, u għandhom jipprevedu perjodu ta' tranżizzjoni sa meta l-użu tal-format fuq karta jkun ġie abbandunat għalkollox.

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propos mill-Kummissjoni

6. Għall-finijiet ta' kontrolli mal-ġenb tat-triq, xi diskrepanza bejn l-operazzjoni tat-trasport u l-evidenza mogħtija, b'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni dwar ir-rotta li se tieħu l-operazzjoni tat-trasport imsemmija **fil-punt (g)** tal-paragrafu 2 għandha tkun permessa, diment li tīgi ġġustifikata kif xieraq, fil-każ ta' ċirkostanzi eċċeżżjonali lil hinn mill-kontroll **tat-trasportatur(i)** li wasslu għal tibdil fl-operazzjoni tat-trasport ikkombinat. Għal dak il-għan, is-sewwieq għandu jitħalla jikkuntattja lill-uffiċċju princiċiali, lill-meniġer tat-trasport jew lil xi persuna jew entità oħra li jistgħu jiaprovdū ġġustifikazzjoni addizzjonali dwar id-diskrepanza bejn l-evidenza mogħtija u l-operazzjoni reali.

Emenda

6. Għall-finijiet ta' kontrolli mal-ġenb tat-triq, xi diskrepanza bejn l-operazzjoni tat-trasport u l-evidenza mogħtija, b'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni dwar ir-rotta li se tieħu l-operazzjoni tat-trasport imsemmija **fil-punti (f), (h) u (i)** tal-paragrafu 2 għandha tkun permessa, diment li tīgi ġġustifikata kif xieraq, fil-każ ta' ċirkostanzi eċċeżżjonali lil hinn mill-kontroll **tal-operatur(i) tat-trasport** li wasslu għal tibdil fl-operazzjoni tat-trasport ikkombinat. Għal dak il-għan, is-sewwieq għandu jitħalla jikkuntattja lill-uffiċċju princiċiali, lill-meniġer tat-trasport jew lil xi persuna jew entità oħra li jistgħu jiaprovdū ġġustifikazzjoni addizzjonali dwar id-diskrepanza bejn l-evidenza mogħtija u l-operazzjoni reali.

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni għall-ewwel darba sa mhux aktar tard minn [xx/xx/yyyy - **18 months after transposition of the Directive**] u mbagħad kull sentejn, li jiaprovdī din l-informazzjoni li ġejja relatata mal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat fit-territorju tagħhom, li tkopri din id-Direttiva:

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni għall-ewwel darba sa mhux aktar tard minn [xx/xx/yyyy - **12-il xahar wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva**] u mbagħad kull sentejn, li jiaprovdī din l-informazzjoni li ġejja relatata mal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat fit-territorju tagħhom, li tkopri din id-Direttiva:

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) *il-mogħdijiet* fin-netwerk tat-trasport nazzjonali u transfruntier li ntużaw fl-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat;

Emenda

- (a) *il-kurituri* fin-netwerk tat-trasport nazzjonali u transfruntier li ntużaw fl-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat;

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) il-volum, f'unità ekwivalenti għal-għoxrin pied (TUE) u f'kilometri ta' tunnellati, tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat skont it-tip ta' operazzjoni (*trasport* ferrovjarju, *trasport bit-triq/fil-passaġġi* fuq l-ilma *interni, eċċ...*) u skont il-kopertura ġeografika (nazzjonali u intra-Unjoni);

Emenda

- (b) Il-volum *totali u annwali*, f'unità ekwivalenti għal-għoxrin pied (TUE) u f'kilometri ta' tunnellati, tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat skont it-tip ta' operazzjoni (*parti bit-triq tal-vjaġġ/parti tal-vjaġġ li mhijiex bit-triq, jiġifieri permezz tat-trasport* ferrovjarju, *passaġġi fuq l-ilma intern u rotot marittimi*) u skont il-kopertura ġeografika (nazzjonali u intra-Unjoni);

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-għadd u l-kopertura ġeografika tat-terminals li **jifilħu operazzjonijiet** tat-trasport ikkombinat u l-għadd ta' trażbordi annwali **f'dawk it-terminals**;

Emenda

(c) l-għadd **ta' tražbordijiet imwettqa permezz ta' teknoloġiji bimodali u kopertura ġeografika ta' dawn il-punti ta' tražbordijiet, kif ukoll il-għadd, il-post u l-kopertura ġeografika tat-terminals li jaqdu l-operazzjonijiet** tat-trasport ikkombinat, **bi tqassim skont it-tip ta' operazzjonijiet għal kull terminal (parti bit-triq tal-vjaġġ/parti tal-vjaġġ li mhixiex bit-triq, jidheri permezz tat-trasport ferrovjarju, passaġġi fuq l-ilma intern, rotot marittimi)** u l-għadd ta' trażbordi annwali **u valutazzjoni tal-kapaċità użata fit-terminals**;

Emenda 54

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (għid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-evoluzzjoni tas-sehem tat-trasport ikkombinat u tal-modi differenti tat-trasport fit-territorju,

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propos mill-Kummissjoni

(d) ġħarsa ġenerali lejn il-miżuri kollha ta' appoġġ nazzjonali li jintużaw u li huma maħsuba, inkluż l-użu rispettiv tagħhom u u *l-impatt stmat*.

Emenda

(d) ġħarsa ġenerali lejn il-miżuri kollha ta' appoġġ nazzjonali li jintużaw u li huma maħsuba *li se jintużaw*, inkluż l-użu rispettiv tagħhom u *l-impatt stmat fuq l-użu tat-trasport ikkombinat u l-effett tagħhom fir-rigward tas-sostenibbiltà soċjali u ambjentali, ir-restrinġiment tat-traffiku, il-konġestjoni, is-sikurezza u l-effiċjenza.*

Emenda 56

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt da (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(da) l-għadd u l-post ġeografiku tal-operazzjonijiet li jaqbżu l-limitu ta' distanza tal-parti bit-triq tal-vjaġġ imsemmi fl-Artikolu 1(3).

Emenda 57

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt db (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(db) l-oriġini u d-destinazzjonijiet, fil-

*livell tal-NUTS 3, tal-flussi tal-merkanzija fit-toroq tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) definiti fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *;*

** Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE, (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).*

Emenda 58

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data trażmessha mill-Istati Membri f'forma li tagħmel possibbli tqabbil bejn l-Istati Membri.

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

3. Abbażi ta' analiżi tar-rapporti nazzjonali, għall-ewwel istanza sa mhux aktar tard minn [xx/xx/xxx - 9 months after the MS report submission deadline] u mbagħad kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tħejji u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u ***lill-Kunsill*** dwar:

Emenda

3. Abbażi ta' analiżi tar-rapporti nazzjonali, ***u d-data statistika miġbura abbażi tal-indikaturi u l-metodoloġiji li huma komuni għall-UE kollha***, għall-ewwel istanza sa mhux aktar tard minn [xx/xx/xxx - 9 xhur mid-data ta' skadenza tal-preżentazzjoni tar-rapporti tal-Istati Membrij] u mbagħad kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tħejji u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, ***lill-Kunsill u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri*** dwar:

Emenda 60

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt a

Test propos mill-Kummissjoni

(a) l-iżvilupp ekonomiku tat-trasport ikkombinat, speċjalment fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tal-modi differenti tat-trasport;

Emenda

(a) l-iżvilupp ekonomiku tat-trasport ikkombinat, ***fil-livell tal-Istati Membri u f'dak tal-Unjoni kollha***, speċjalment fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tal-modi differenti tat-trasport;

Emenda 61

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt c

Test propos mill-Kummissjoni

(c) l-effikaċja u l-effiċjenza tal-miżuri ta' appoġġ previsti fl-Artikolu 6;

Emenda

(c) l-effikaċja u l-effiċjenza tal-miżuri ta' appoġġ previsti fl-Artikolu 6, *filwaqt li tispeċifika l-miżuri li hija tqis li huma l-aktar effettivi biex jaqdu l-iskop oriġinali ta' din id-Direttiva u l-aħjar prattiki fl-Istati Membri;*

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt ca (għid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-evoluzzjoni tas-sehem tat-trasport ikkombinat f'kull wieħed mill-Istati Membri u fil-livell tal-UE, bil-ħseib li sal-2030 u l-2050 jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport;

Emenda 63

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt d

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(d) miżuri oħra possibbli, *inkluż* reviżjoni tad-definizzjoni ta' trasport ikkombinat kif definit fl-Artikolu 1 u adattament tal-lista tal-miżuri prevista fl-

(d) miżuri oħra possibbli, *inklużi* reviżjoni tad-definizzjoni ta' trasport ikkombinat kif definit fl-Artikolu 1, *titjib fil-ġbir tad-data u l-pubblikazzjoni ta' tali*

Artikolu 6.

data fil-livell tal-Unjoni, u adattament tal-lista tal-miżuri prevista fl-Artikolu 6,
inklużi emendi possibbli tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Emenda 64

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġidid)

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-taxxi elenkti fil-paragrafu 3 li huma applikabbli għall-vetturi tat-triq (trakkijiet, tratturi, trejlers jew *semi-trejlers*) meta jieħdu rotot fi trasport ikkombinat jitnaqqsu jew jiġu rifużi jew b'ammont standard, jew fi proporzjon għall-vjaġġi li tali vetturi jwettqu bil-ferrovija, fil-limiti u skont il-kondizzjonijiet u r-regoli li huma jiffissaw wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni."

Emenda

(4a) Fl-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-taxxi elenkti fil-paragrafu 3 li huma applikabbli għall-vetturi tat-triq (trakkijiet, tratturi, trejlers, *semi-trejlers, kontejners trasportati fil-passaġġi fuq l-ilma intern* jew *unitajiet tat-tagħbiha intermodali*) meta jieħdu rotot fi trasport ikkombinat jitnaqqsu jew jiġu rifużi jew b'ammont standard, jew fi proporzjon għall-vjaġġi li tali vetturi jwettqu bil-ferrovija *jew bit-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma intern*, fil-limiti u skont il-kondizzjonijiet u r-regoli li huma jiffissaw wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni."

(<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:31992L0106>)

Emenda 65

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4b (ġidid)

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ

It-tnaqqis jew ir-rifużjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jingħataw mill-Istat li fih il-vetturi huma reġistrati, abbażi tal-vjaġġi bil-ferrovija li jsiru fi ħdan dak l-Istat.

Emenda

(4b) Fl-Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"**It-tnaqqis** jew ir-rifużjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jingħataw mill-Istat li fih il-vetturi huma reġistrati, abbażi tal-vjaġġi bil-ferrovija **jew fil-passaġġi fuq l-ilma intern** li jsiru fi ħdan dak l-Istat."

(<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:31992L0106>)

Emenda 66

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 4c (ġdid)

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ

"L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jaġħtu dan it-tnaqqis jew dawn ir-rifużjonijiet abbażi tal-vjaġġi bil-ferrovija li jsiru parażjalment jew kompletament barra mill-Istat Membru li fih il-vetturi huma reġistrati.

Emenda

(4c) Fl-Artikolu 6(1), it-tielet subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jaġħtu dan it-tnaqqis jew dawn ir-rifużjonijiet abbażi tal-vjaġġi bil-ferrovija **jew fil-passaġġi fuq l-ilma intern** li jsiru parażjalment jew kompletament barra mill-Istat Membru li fih il-vetturi huma reġistrati.

(<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:31992L0106>)

Emenda 67

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttiorja

Test propos mill-Kummissjoni

4. Meta meħtieġ, biex jintlaħaq l-għan imsemmi fil-paragrafu 8, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jappoġġaw l-investiment fit-terminals tat-trażbord fejn jidħlu:

Emenda

4. Meta meħtieġ, biex jintlaħaq l-għan imsemmi fil-paragrafu 8, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jappoġġaw l-investiment fit-terminals ***tat-trasport u fil-punti*** tat-trażbord fejn jidħlu:

Emenda 68

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propos mill-Kummissjoni

(a) il-bini *u*, fejn **meħtieġ, l-espansjoni ta' dawn it-terminals** tat-trażbord għat-trasport ikkombinat;

Emenda

(a) il-bini, *f'żoni* fejn **ma tkun disponibbli l-ebda faċilità xierqa fil-limitu ta' distanza msemmi fl-Artikolu 1(3), ta' terminals tat-trasport jew l-installazzjoni ta' punti** tat-trażbord għat-trasport ikkombinat, *diment li ma jkun hemm l-ebda ħtieġa ta' tali faċilitajiet minħabba nuqqas ta' rilevanza ekonomika jew għal raġunijiet relatati mal-karatteristiċi ġeografiċi jew naturali ta' żona partikolari;*

Emenda 69

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) l-espansjoni, fiziżoni fejn hi meħtieġa kapaċità ta' terminals addizzjonali, tat-terminals eżistenti jew l-istallazzjoni ta' punti ta' trażbord addizzjonali u, wara valutazzjoni tal-impatti ekonomiċi li turi li s-suq ikun se jiġi affettwat b'mod negattiv u li jkunu meħtieġa terminals ġodda, u kemm-il darba l-preokkupazzjonijiet ambjentali jkunu tqiesu, il-kostruzzjoni ta' terminals ġodda għat-trasport ikkombinat;

Emenda 70

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagraphu 1 – punt b

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(b) iż-żieda fl-effiċjenza operattiva fit-terminals eżistenti.

(b) iż-żieda fl-effiċjenza operattiva fit-terminals eżistenti, *inkluż billi jiġi żgurat l-aċċess għal dawk it-terminals.*

Emenda 71

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagraphu 1a (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

Il-miżuri ta' appoġġ għat-trasport ikkombinat għandhom jitqiesu li huma kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) tat-TFUE u għandhom ikunu eżenti mir-rekwiżit ta' notifika tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, kemm-il darba ma jkunux jirrapreżentaw aktar minn 35 % tal-kosti kollha tal-operazzjonijiet.

Emenda 72

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw mal-Istati Membri ġirien u mal-Kummissjoni u jiżguraw li, meta jkunu qed jitwettqu dawn il-miżuri, tingħata prioritā biex tkun żgurata distribuzzjoni ġeografika bilanċjata u suffiċjenti għal faċilitajiet xierqa fl-Unjoni, u b'mod partikolari fejn jidħlu n-netwerks Ewlenin u Komprensivi tat-TEN-T, b'mod li kull post ġeografiku fl-Unjoni ma jkunx jinsab aktar 'il bogħod **minn 150 km** minn dan it-terminal.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw mal-Istati Membri ġirien u mal-Kummissjoni u jiżguraw li, meta jkunu qed jitwettqu dawn il-miżuri, tingħata prioritā biex tkun żgurata distribuzzjoni ġeografika bilanċjata u suffiċjenti għal faċilitajiet xierqa fl-Unjoni, u b'mod partikolari fejn jidħlu n-netwerks Ewlenin u Komprensivi tat-TEN-T, b'mod li kull post ġeografiku fl-Unjoni ma jkunx jinsab aktar 'il bogħod **mil-limitu msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(3)** minn dan it-terminal. *Meta jkunu qed jieħdu l-miżuri msemmija f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom iqis b'mod xieraq il-ħtieġa li:*

(a) inaqqsu l-konġestjoni, b'mod partikolari qrib iż-żoni urbani u suburbani jew fiż-żoni b'limitazzjonijiet naturali;

- (b) *itejbu l-konnessjonijiet transfruntiera;*
- (c) *itaffu l-iżolament taż-żoni li huma nieqsa mill-infrastruttura filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet u l-limitazzjonijiet speċifiċi tar-reġjuni periferiċi u dawk ultraperiferiċi;*
- (d) *itejbu l-aċċessibbiltà u l-konnnettività b'mod partikolari fir-rigward tal-infrastruttura tal-aċċess għat-terminals tat-trażbord; and*
- (e) *jaċċelleraw il-bidla lejn id-diġitalizzazzjoni; kif ukoll*
- (f) *inaqqsu l-impatt tat-trasport tal-merkanzija minn fuq l-ambjent u s-saħħa pubblika, billi jippromwovu, pereżempju, l-effiċjenza tal-vetturi, l-użu ta' fjuwils alternattivi u li jniġġsu inqas, l-użu tal-enerġiji rinnovabbli, inkluż fit-terminals, jew bl-użu iktar effiċjenti tan-netwerks tat-trasport permezz tal-implementazzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.*

Emenda 73

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet addizzjonali għall-eliġibbiltà għall-appoġġ.

Emenda

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet addizzjonali għall-eliġibbiltà għall-appoġġ. ***Huma għandhom jgħarrfu lill-partijiet interessati b'dawk il-kondizzjonijiet.***

Emenda 74

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagraphu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri ***jistgħu*** jieħdu miżuri addizzjonali biex itejbu l-kompetittività tal-operazzjonijiet tat-trasport ***ikkombinat*** meta mqabbla ma' operazzjonijiet ekwivalenti ta' trasport alternattiv bit-triq.

Emenda

Sal-31 ta' Diċembru 2010, l-Istati Membri ***għandhom*** jieħdu miżuri addizzjonali ***ta' natura ekonomika u leġiżlattiva***, biex itejbu l-kompetittività tal-operazzjonijiet tat-trasport ***ikkombinat*** meta mqabbla ma' operazzjonijiet ekwivalenti ta' trasport alternattiv bit-triq, ***b'mod partikolari bil-ħsieb li jnaqqsu ż-żmien u l-kosti involuti fl-operazzjonijiet tat-trażbord.***

Emenda 75

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagraphu 2a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Bl-għan li jitnaqqsu l-ħin u l-kosti involuti fl-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat, il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagraphu għandhom jinkludu tal-inqas wieħed jew aktar mill-inċentivi li ġejjin:

(a) l-eżenzjoni tat-trasportaturi mit-tariffi tal-kosti esterni u/jew mit-tariffi tal-konġestjoni msemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/62/KE, bi preferenza b'mod partikolari għall-vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1a;

(b) ir-rifużjoni ta' tariffi għall-użu ta'

ċerta infrastruttura lill-impriżi li jwettqu operazzjonijiet bħala parti minn trasport ikkombinat;

(c) l-eżenzjoni tal-operaturi tat-trasport mil-limitazzjonijiet imposta skont il-projbizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw it-traffiku.

^{1a} Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternativi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

Emenda 76

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta jkunu qed jieħdu miżuri addizzjonal, l-Istati Membri għandhom iqisu wkoll b'mod xieraq il-ħtieġa li jaċċeleraw il-bidla lejn id-diġitalizzazzjoni tas-setturi tat-trasport ikkombinat u għandhom b'mod partikolari:

(a) irawmu l-integrazzjoni tas-sistemi konnessi u l-awtomazzjoni tal-operazzjonijiet;

(b) itejbu l-investimenti fil-loġistika diġitali, fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u fis-sistemi tat-trasport intelliġenti; kif ukoll

(c) fil-ġejjeni jeliminaw b'mod gradwali l-użu tad-dokumenti tal-karta.

Emenda 77

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

5 a. Tali miżuri addizzjonali għandu jkun fihom incenjivi li jiffavorixxu l-użu ta' partijiet tal-vjaġġ tat-trasport li mhumiex bit-triq. L-Istati Membri għandhom jinkludu miżuri għat-tishħiħ tal-kompetitività tat-trasport fuq l-ilma, pereżempju incenjivi finanzjarji biex jintużaw rotot qosra tat-trasport bil-baħar jew passaġġi fuq l-ilma intern jew għall-ħolqien ta' konnessjonijiet qosra ġoddha bil-baħar.

Emenda 78

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 6 – paragrafu 8

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat ikollhom l-għan li jnaqqsu t-trasport tal-merkanzija bit-triq u li jħeġġu l-użu ta' modi oħra tat-trasport bħat-trasport ferrovjarju, it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma ***interni u t-trasport marittimu***, u b'hekk jonqsu t-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti tat-traffiku fit-toroq, l-istorbju u l-konġestjoni.;

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat ikollhom l-għan li jnaqqsu t-trasport tal-merkanzija bit-triq u li jħeġġu l-użu ta' modi oħra tat-trasport bħat-trasport ferrovjarju, it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma ***intern, it-trasport marittimu jew il-vetturi b'emissjonijiet baxxi, jew l-użu ta' fjuwils alternattivi b'emissjonijiet aktar baxxi bħalma huma l-bijoffjuwils, l-elettriku minn sorsi tal-***

enerġija rinnovabbli, il-gass naturali jew iċ-ċelluli tal-fjuwil li jaħdmu bl-idroġenu, u b'hekk jonqsu t-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-inċidenti tat-traffiku fit-toroq, l-istorbju u l-konġestjoni.

Emenda 79

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 9a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw b'mod aċċessibbli faċilment u mingħajr ħlas, l-informazzjoni rilevanti dwar il-miżuri adottati skont l-Artikolu 6 u informazzjoni oħra rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw b'mod aċċessibbli faċilment **fuq l-Internet** u mingħajr ħlas, l-informazzjoni rilevanti dwar il-miżuri adottati skont l-Artikolu 6 u informazzjoni oħra rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 80

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 9a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġgorna, meta meħtieġ, il-lista ta' awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll il-lista tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 6.";

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika **fuq l-Internet** u taġġgorna, meta meħtieġ, il-lista ta' awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll il-lista tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 6.";

Emenda 81

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Direttiva 92/106/KEE

Artikolu 10a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu **taż-żmien indeterminat** li jibda minn [date of entry into force of this (amending) Directive].

Emenda

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu **ta' ħames snin** li jibda minn [date of entry into force of this (amending) Directive]. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod tacitū għal perjodi ta' tul ta' żmien identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.**